26 ta' Mejju, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmelo Morana *versus* Nutar Dr. Joseph Spiteri et.

**Provi kontra l-Miktub — Xhieda — Simulazzjoni.**

*Ir-regola li kontra l-miktub ma humiex ammissibili provi testimonjali ma hix assoluta, u ssofri eċċezzjoni f'ċerti każi.*

*F'din is-sentenza jinsabu mfissra l-prinċipji li jirregolaw din il-materja skond il-ġurisprudenza l-aktar reċenti*

*Fil-każ preżenti l-Qorti ammettiet l-eċċezzjoni għar-regola, billi am-*

*mettiet provi testimonjali kontra l-miktub, fuq il-motiv li dawk il-provi kienu ntiżi biex juru li l-miktub kien affett b'simulazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'kuntratt in atti tan-Nutar Dr. John Micallef Trigona tal-4 ta' Jannar 1950 (dok. A) huwa biegħ lill-konvenuti, bil-prezz ta' £4700, il-beni fih indikati, tar-rendal annwu ta' £378; illi mill-prezz ħallsu akkont £2700 u baqgħu debituri fl-ammont ta' £2000 bilanċ, bil-lukri tat-3% fis-sena; u illi b'kuntratt susseġwenti tat-22 ta' Jannar 1951, a rikjesta tal-konvenuti, ġie rexiss il-preċedenti kuntratt taħt apparenza ta' retratt konvenzjonali (dok. B); u illi b'din r-rexissjoni l-kontendenti ġew rimessi fli "statu quo" anterjuri għad-data ta' l-ewwel kuntratt li sar fl-4 ta' Jannar 1950; u illi fl-intervall bejn iż-żewġ dati l-attur irċieva £60 ta' sena interessi fuq l-imsemmijin £2000 bilanċ tal-prezz, u l-konvenuti rċevew £378 kera tal-fondi lilhom mibjugħa; previa d-dikjarazzjoni illi l-ewwel kuntratt ġie rexiss, u li r-retratt imsemmi fittieni kuntratt tas-sena 1951 hija dikjarazzjoni improprja tar-rexissjoni tiegħu, talab illi l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lill-istant l-ammont ta' £318, bilanċ bejn l-ammont ta' £378 kera tal-fondi li daħħlu fl-intervall bejn id-dati taż-żewġ kuntratti u l-ammont ta' £60 li daħħal l-attur għall-interessi fuq l-imsemmija £2000 mingħand il-konvenuti, bilanċ li baqa' wara l-kompensazzjoni ossija deduzzjoni ta' l-imsemmija £60 ta' l-interessi minn l-imsemmija £378 tal-kera. Bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att u bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha jeċċepixxu illi d-domanda ta' l-attur hija infondata, għaliex l-att tat-22 ta' Jannar 1951 ma kienx rexissjoni tal-kuntratt tal-4 ta' Jannar 1950 fl-atti ta' l-istess Nutar Dr. John Micallef Trigona, li kellu r-rekwiżiti kollha għall-validità tiegħu; illi anki kieku, għal grazzja ta' l-argument, wieħed irid jammetti li kien hemm simulazzjoni, din l-azzjoni ma tikkompetix lil min ħa parti fis-simulazzjoni. Salva kwalunkwe eċċezzjoni oħra;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti fl-14 ta' Marzu 1952, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-konvenuti

u l-attur gie ammess b'ex igib il-provi testimonjali biex bihom isostni l-pretensjoni tiegħu m'gjuba fl-att taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż, mċuħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, mingħajr taxxa bejn il-kontendenti, imma bid-dritt tar-Reġistru għall-konvenut ; u l-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni tagħha fil-meritu ; wara li kkunsidrat ;

Illi b'kuntratt ta' l-4 ta' Jannar 1950 fl-atti tan-Nutar Dr. John Micallef Trigona l-attur biegħ u ttrasferixxa lill-konvenuti l-fondi msemmija f'dak il-kuntratt, bil-prezz ta' £4700, li minnhom il-konvenuti ħallsuh £2700 fuq l-att, u obbligaw ruħhom li jħallsu l-bilanċ ta' £2000 fi żmien sena u nofs minn dak inhar, bl-imgħax tat-3% fis-sena jitħallsu bis-sitt xhur bil-quddiem. F'dak l-istess kuntratt l-attur obbliga ruħu li jeżerċita d-dritt tar-retratt konvenzjonali fi żmien ħmistax-il xahar minn dak inhar f'każ li terzi persuni jeżerċitaw id-dritt tar-retratt legali ;

Illi b'kuntratt ieħor tat-22 ta' Jannar 1951, fl-atti ta' l-istess nutar, wara li ġie premess illi bil-kuntratt ta' qabel, ga msemmi, l-attur kien żamm favur tiegħu d-dritt tar-retratt konvenzjonali għal żmien tlettax-il xahar mid-data ta' dak il-kuntratt, u illi hu ried jeżerċita dak id-dritt, il-konvenuti rrilaxxjawlu u rrivendewlu l-beni kollha li bil-kuntratt ta' qabel kien begħhelhom u ttrasferielhom ;

Illi l-attur jippretendi li dan it-tieni att magħmul bejnu u bejn il-konvenuti kien biss apparentement kuntratt ta' retratt konvenzjonali, imma in realtà u fl-intenzjoni tiegħu, u anki tal-konvenuti li anzi kienu huma li nsistew biex isir, kien kuntratt biex jiġi rexiss l-ewwel kuntratt ; u talab li jġib xhieda biex jipprova dina l-pretensjoni tiegħu. Il-konvenuti opponew it-talba ta' l-attur, billi jallegaw li huwa ma jistax iġib provi testimonjali kontra l-miktub, li fil-każ in ispeċje, anzi, huwa att publiku, u meta, speċjalment, hu stess kien parti fih ;

Illi, kif tajjeb jissottometti l-konvenuti, l-attur b'dina l-azzjoni qiegħed fil-fatt jattakka u jimpunja t-tieni kuntratt b'simulazzjoni, u preċiżament b'simulazzjoni relativa, fis-sens li huwa jallega li dak il-kuntratt, "colorem habens" ta' retratt konvenzjonali, fl-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kellu "substantiam vero alteram" ; b'mod li huwa jrid mhux

id-deklaratorja ta' l-inezistenza assoluta tat-tieni kuntratt, imma li tiġi restitwita r-realtà tiegħu u mneħħija l-forma apparenti;

Illi l-konvenuti għandhom favur tagħhom il-kuntratt ġà msemmi, u "ogni contratto si presume sincero; d'onde la massima, sulla quale non hanno mai dubitato i pratici, che il contraente il quale alleghi la simulazione è in obbligo di provarla" (Giorgi, Obbligazione, Vol. IV, 176). Dina l-prova "può indursi anche per via di presunzioni, purchè fondate su fatti gravi, precisi e concordanti" (Qorti Kassazzjoni Torin, 11. 7. 1873). L-attur irid appuntu jġib xhieda biex jagħmel din il-prova, imma l-konvenuti jissottomettu, kif ingħad, li l-attur ma jistax iġib provi testimonjali għal daqshekk;

Illi hu veru li bħala regola tradizzjonali u ġenerali "contra scriptum non scriptum testimonium non fertur". Dina r-regola, osservata b'mod assolut fi żmien antik, ġie ritenut li għandha tiġi mitigata (Vol. XXVII—I—870), billi kull każ għandu jiġi eżaminat skond il-fattispeċje tiegħu (Vol. XXIX—II—1090). Ġie ritenut ukoll illi l-istess regola ma hijiex applikabili f'dawk il-każi fejn l-att miktub jiġi impunjat minħabba simulazzjoni (Vol. XXIX—II—1203); kif lanqas ma hija applikabili meta jkun jidher illi l-kontraenti għamlu kuntratt simulat biex jgħattu kuntratt ieħor li realment riedu jagħmlu, u meta l-Qorti tkun persważa li jkun sar żball fil-kuntratt (Vol. XXX—I—603);

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji jidher illi l-provi testimonjali offerti mill-attur għandhom jiġu ammessi. Infatti, barra milli f'dan il-każ jittratta minn impunjazzjoni ta' kuntratt minħabba simulazzjoni, jidher illi, jekk mhux ħaġa oħra, hemm xi żball fit-tieni kuntratt; għaliex waqt li fl-ewwel wieħed l-attur kien "obliga ruħu" li jeżerċita d-dritt tar-retratt "fi żmien ħmistax-il xahar" mid-data tiegħu, u "fil-każ li terzi persuni jeżerċitaw id-dritt tar-retratt legali", fit-tieni kuntratt ġie premess li l-attur fl-ewwel kuntratt "kien żamm favur tiegħu" id-dritt tar-retratt konvenzjonali għal "żmien tlettax-il xahar", u li huwa ried jeżerċita "dan id-dritt", bla ma ssemma jekk xi persuna kienetx eżerċitat xi retratt legali;

Rat ir-rikors tal-konvenuti quddiem din il-Qorti, fejn talbu li d-deċiżjoni fuq imsemmija ta' l-14 ta' Marzu 1952 tiġi revokata, billi jiġi deċiż li l-provi testimonjali offerti mill-attur appellat mhumiex ammissibili, bl-spejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi r-regola *"contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur"* mhix assoluta, u ssofri eċċezzjoni f'ċerti każi, kif ġie mfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Marzu 1951 in re *"Blackman vs. Apap Bologna"*. Il-prinċipji li jirregolaw din il-materja skond il-ġurisprudenza l-aktar reċenti huma dawn li ġejjin:—

1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi *skrittura* l-ftehim ta' bejniethom, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu fuqu niżżluh f'dik l-iskrittura. Għalhekk ma għandux ikun leċitu li wieħed mill-kontraenti jdaħħal f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qegħdin ifissru jew jiċċaraw il-klawsoli prinċipali (Appell 31 ta' Mejju 1943, in re "Farrugia vs. Piscopo", Kollez. Vol. XXXI, parti I, paġ. 627);

2. Għalkemm huwa veru li provi orali jistgħu jiġu ammessi biex jiġu dilucidati punti oskuri ta' kitba, jew f'każi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba, iżda l-provi orali mhumiex ammissibili biex ifissru dak li fih innifsu huwa diġà ċar (Appell 26 ta' Mejju 1941, *in re* "Attard vs. Mamo", Kollez. Vol. XXXI, parti I, paġ. 441);

3. Ir-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tiġi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tiġi offerta biex tiġi mfissra aħjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabili mal-att (App. 17 ta' Jannar 1917, in re "Muscat vs. Fiteni", Kollez. Vol. XXIII—I—780; Prim'Awla 27 ta' Jannar 1937 in re "Mifsud vs. Mifsud", Kollez. XXIX—II—1203; u Appell 20 ta' Jannar 1930 in re "Rizzo vs. Anastasi");

4. Il-prinċipju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa' jseħħ sakemm il-Qorti

ma tkunx persważa illi hemm żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali;

F'dawn il-każijiet il-prinċipji bażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità għandhom ikunu supremi (Appell 15 ta' Diċembru 1947 in re "Mercieca vs. Pace", Kollez. Vol. XXXIII, parti I, paġ. 603);

**Ikkunsidrat;**

Illi l-Ewwel Qorti ammettiet il-provi testimonjali offerti mill-attur għal żewġ raġunijiet:— (a) għaliex dan huwa każ ta' impunjazzjoni ta' kuntratt minħabba simulazzjoni; u (b) għaliex dehrilha li kien hemm żball evidenti fit-tieni kuntratt li sar bejn il-kontendenti fit-22 ta' Jannar 1951 (fol. 8). Infatti, il-ewwel kuntratt ta' l-4 ta' Jannar 1950 (fol. 4) jingħad li "il-venditur (i.e. l-attur) jobliga ruħu li jeżerċita d-dritt ta' retratt konvenzjonali fi żmien ħmistax-il xahar mil-lum fil-każ li terzi persuni jeżerċitaw id-dritt ta' retratt legali", mentri fit-tieni kuntratt (fol. 8), li fih hemm riferenza espressa għall-ewwel wieħed, jingħad li l-attur Morana "żamm favur tiegħu d-dritt ta' retratt konvenzjonali għal żmien tlettax-il xahar mid-data ta' l-att fuq imsemmi", u li, billi l-istess Morana ried jeżerċita dak id-dritt ta' retratt konvenzjonali, il-konvenuti għamlulu r-rilaxx u r-rivendizzjoni ta' l-utili dominju perpetwu u benefikati tal-korp ta' bini li kien ġie lilhom mill-istess Morana mibjugħ bil-kuntratt fuq imsemmi ta' l-4 ta' Jannar 1950 (fol. 4). Skond l-att taċ-ċitazzjoni, waħda mill-premessi li fuqhom tinsab bażata d-domanda hija li "b'kuntratt susegwenti tat-22 ta' Jannar 1951, a rikjesta tal-konvenuti, ġie rexiss il-preċedenti kuntratt taħt l-apparenza ta' retratt konvenzjonali". Mill-premess jidher ċar li, b'riferenza għall-obligu assunt mill-attur bl-ewwel kuntratt f'każ ta' l-eżerċizzju da parti ta' terza persuna tar-retratt legali, l-istess obligu, kif enunċjat fit-tieni kuntratt, jagħti lok għall-ambigwità u għall-ekwivoku, jekk mhux għal żball, li għandu bżonn jiġi rettifikat jew imfisser per mezz ta' provi testimonjali;

**Ikkunsidrat:**

Illi in bażi għall-prinċipji fuq enunċjati għamlet sewwa l-Ewwel Qorti li ammettiet il-provi testimonjali offerti mill-attur u ma ammettietx fil-każ in ispeċje l-applikazzjoni tar-

regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tiġi ammessa l-prova testimonjali;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellanti.